32006D0167(01)

DECIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Frar 2006

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli li jeżamina talba għal-asil li tkun saret fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja

(Test b'rilevanza għaz-ŻEE)

(2006/167/EK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 63(1)(a), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, innegozjat mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli li jeżamina talba għal asil li tkun saret fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja.

(2) Il-Protokoll kien iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2005 suġġett għall-konklużjoni f'data iktar tard, b'mod konformi mad-Deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2005.

(3) Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat.

(4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, b'mod konformi ma' Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, sejrin jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(5) B'mod konformi ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u mhix marbuta jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli li jeżamina talba għal asil li tkun saret fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja huwa approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika prevista fit-tieni subparagrafu ta' Artikolu 5 tal-Protokoll [2].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. GASTINGER

---

[1] Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2005 (għada mhux pubblikata fil-ĠU).

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tkun l-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara n-notifika mill-Partijiet Kontraenti.